MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 2042/1995/1

**Francis Mallia**

**vs**

**Attard Bros. Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentatata mill-attur fit-28 ta’ Novembru, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi fis-7 ta’ Mejju, 1993, waqt li l-attur kien qed jaghmel xoghol fit-Technopark, il-Mosta fuq inkarigu b’sub-appalt tal-konvenut noe li kien l-appaltatur principali safa’ involut f’incident li bhala konsegwenza tieghu l-istess attur sofra dizabilita fizika ta’ natura permanenti u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta’ Mr. A. Benard (Dok. A hawn esebit);

Illi l-incident de quo gara waqt illi l-attur, flimkien ma Alfred Zahra li kien qed jahdem mieghu, kien gie dirett mill-konvenut noe biex jesegwixxi xoghol ta' plastering fl-intern tax-shaft ta' "lift" partikolari;

Illi qabel ma beda dan ix-xoghol, l-attur innota lill-konvenut noe illi dan kien xoghol ta' perikolu li kellu r-riskji u li l-konvenut noe ma kellux jinsisti fuqu;

Illi l-konvenut noe baqa jinsisti illi stante li dan ix-xoghol kien inkluz fil-kuntratt li bih kien marbut l-istess konvenut noe allura l-attur kellu jiehu hsieb li jesegwih u li l-istess konvenut kien ser jipprovdi attrezzatura adegwata biex dan ikun jista jsir;

Illi sussegwentement l-attur beda dan ix-xoghol partikolari u waqt li kien diehel ghar-raba sular tax-shaft imsemmi, cediet wahda mill-iskaluni tas-sellum provdut mill-konvenut noe;

Illi ghalhekk ghal dan l-incident u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur, jahti unikament l-istess konvenut noe u dan minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis ta' sigurta fuq il-post tax-xoghol da parti tieghu;

Illi l-konvenut noe, ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni hekk sofferti baqa inadempjenti;

Talab li l-konvenut noe jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident li sehh fit-Teknopark Mosta fis-7 ta' Mejju 1993, li fih l-attur waqa fix-shaft tal-lift fil-kors tax-xoghol minnu ezegwit u ghar-ragunijiet, kif fuq imsemmija, u ukoll ghad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attur;
2. Tillikwida tali Danni konsegwenzjali hekk sofferti mill-attur, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lill-attur tali ammont hekk likwidati;

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenut li jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, li in forza taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament l-azzjoni istitwita mill-attur hija preskritta;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta qatt ma kellha rapport guridiku ma l-attur b'mod illi qatt ma setghat kellha l-obbligi illi l-ezistenza u l-ksur taghhom qieghed jigi vantata mill-attur bhala l-bazi guridika ta' din l-azzjoni;
3. Illi fil-meritu kien l-istess attur illi ikkawza l-ingurja sfortunata tieghu billi deliberatament u konsepovalment espona ruhu ghall-risku inutili meta kien car u ovvju illi l-istess riskji setghu jigu facilment evitati;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 1997 illi permezz tieghu, wara li rat illi l-partijiet qablu li kien necessarju li jigi nominat perit tekniku, hatret lill-Perit David Pace bhala perit tekniku biex jiehu konjizzjonijiet tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jirrelata lura bil-miktub lill-Qorti bis-soliti fakultajiet, inkluz illi jisma xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal taghha tat-18 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu hatret bhala espert mediku lil Dr Carmel Sciberras sabiex jirrelata dwar l-eventwali disabbilita permanenti li

setgha sofra l-attur in konsegwenza ta' dan l-incident, bis-soliti fakulajiet, inkluz li jisma x-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapport tal-espert mediku Dottor Carmel Sciberras, minnu ipprezentat u ikkonfermat fl-10 ta' Gunju 2002.

Rat illi l-attur talab illi jigu nominati periti addizzjonali u rat illi permezz tad-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 2002 il-Qorti innominat bhala periti addizzjonali lil Mr Frederick Zammit Maempel, Mr Charles Grixti u il-Professur Victor Griffiths sabiex jirrelataw dwar id-disabbilita permanenti li setgha sofra l-attur anke fid-dawl tar-rapport tal-espert mediku Mr Carmel Sciberras.

Rat ir-rapport mediku tal-periti addizzjonali ikkonfermat bil-gurament minn Mr Charles Grixti fit-13 ta' Jannar 2003 u ikkonfermat mill-Professur Victor Griffiths fid-19 ta' Mejju 2003 u minn Mr Frederick Zammit Maempel fit-12 ta' Mejju 2003.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu ipprezentat u mahluf fit-28 ta' Mejju 2008.

Rat id-domandi illi saru in eskussjoni tar-rapport tal-perit tekniku mill-avukat difensur tal-attur u ir-risposti tal-perit tekniku ghad-domandi illi sarulu in eskussjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Rat illi minkejja illi l-konvenut inghata l-opportunita illi jipprezenta hu wkoll nota ta' sottomissjonijiet dan ma ghamlux.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-espert mediku Mr Charles Sciberras wasal ghall-konkluzjoni illi l-attur, minhabba l-incident li kellu, spicca b'sieq xellugija iqsar mill-leminija u b'artrite fl-irkobba x-xellugija. Dan jista' jaffettwa l-gogi l-ohra tar-riglejn kif ukoll id-dahar. Is-Sur Mallia ma jaghmilx hazin

jekk jgholli xi ftit iz-zarbun ta’ saqajh ix-xellugija. Il-perit mediku wasal ghall-konkluzzjoni illi l-attur qieghed isoffri minn dizabilita ta’ hmistax fil-mija (15 %).

Illi l-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-periti medici addizzjonali illi ikkonkludew illi l-attur garrab ksur fiz-zewg ghadam principali tar-rigel tax-xellug fl-incident li gara f’Mejju tal-1993. Il-ksur ghaqad pero’ bir-rizultat li r-rigel qsar u l-irkoppa baqghet xi ftit imrazzna fil-moviment taghha. Peress illi l-ksur halla xi ftit dizlivell fuq il-wicc tal-gog, din l-irkoppa zviluppat artrite kmieni (ghalhekk it-tqarmic mal-moviment) illi mistenni jizdied bil-mghodija taz-zmien. Mallia ser jibqa jzappap ghal ghomru. Dan kollu ghandu effett negattiv sostanzjali fuq il-hila tieghu biex jimxi, jigri, jitla tarag jew slielem, u cioe’ fuq dawk l-attivitajiet kollha fejn ir-rigel jikkontribwixxi. Fil-fehma tal-periti medici addizzjonali, l-attur garrab dizabilita permanenti stmata ta’ tmintax fil-mija (18%) bhala rizultat ta’ l-incident fuq imsemmi.

Ikkunsidrat :

Illi l-perit tekniku il-Perit David Pace ghamel is-segwenti kostatazzjonijiet fir-rapport tieghu :

“Jirrizulta mill-provi illi l-attur kien qieghed jahdem gewwa fabbrika fit-Technopark gewwa l-Mosta fuq xoghol ta’ kisi u tibjid gewwa *shaft* fil-bini ta’ fabbrika, liema xoghol kien qed jinhadem ghas-socjeta’ konvenuta li kienet hadet l-appalt sabiex isir dawn ix-xogholijiet. Ma’ l-attur kien hemm certu Alfred Zahra illi mieghu kien jahdem bi shab fuq xoghol simili bhal dan. Ix-xoghol kien qieghed jinhadem bhala sub-appalt mill-attur u siehbu ghal ditta konvenuta. L-esponent mhuwiex ser jidhol fil-kwistjoni dwar tezistix relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta ghaliex dik hija materja prettament legali u ser jiffoka biss fuq l-element tekniku.

Skond ix-xhieda ta’ l-attur l-incident gara meta huma kienu qed jahdmu fuq xoghol ta’ kisi gewwa *shaft* fil-fabbrika gewwa t-Technopark u kienu waslu fil-livell ta’ bejn it-tielet u r-raba sular. Huma kienu qeghdin jahdmu billi juzaw it-

travetti illi kien hemm ingastati fil-hitan u fuqhom iqieghdu l-fallakki ta' l-injam u imbaghad juzaw slielem biex jitilghu u jinzlu halli jkunu jistghu jiksu. L-attur xehed ukoll illi dana l-armar, u cioe' fallakki, slielem u forsi xi hbula u xi attrezzaturi ohra kienu jigu pprovduti kollha mis-socjeta' konvenuta waqt illi l-ghodda ta' l-idejn, cioe' pniezel, ghodda bhal dawk, kienu jipprovduhom huma stess billi din kienet l-ghodda illi jahdmu s-sengha taghhom bihom. L-attur xehed illi l-incident gara meta huwa tela' fuq sellum li kien mqieghed fuq il-fallakki li kienu jistiehu fuq it-travetti, inqasmet skaluna tas-sellum bih u baqa' niezel fil-qiegh tas-*shaft*. L-attur xehed ulterjorment illi kien hemm fallakki biex jiehdu s-sellum u b'kollox kien hemm xi tnejn jew tlieta, pero' ma kienx hemm bizzejjed fallakki jew tavluni sabiex ikunu jistghu jahdmu l-vojt tas-*shaft* kollu. Hu kkummenta wkoll illi suppost skond is-sengha hekk kien isir pero' huma kienu jiddubbaw b'li kien hemm u gieli ma kienx ikun hemm fallakki bizzejjed.

Alfred Zahra illi hadem ix-xoghol ma' l-attur ikkorrobora l-verzjoni ta' l-attur fix-xhieda tieghu fejn qal illi huwa ra wkoll is-sellum fil-qiegh tas-*shaft* meta waqa' l-attur minn fuq l-armar. Dana kif riportat fl-Affidavit prezentat minnu u li jinsab a fol. 19 u 20 tal-process.

Il-konvenut nomine Michael Attard xehed illi hu mar fuq il-post wara l-incident u tkellem ma' l-impjegati tieghu illi kienu jiehdu hsieb ix-xoghol u li dawna nfurmawh illi l-attur kien waqa' ghaliex kien hemm tavlun minnhom illi kien mahrug xi ftit aktar 'il barra b'mod illi l-attur rifes fuqu u dan gheleb bih. Huwa kkonferma illi kien issemma sellum ukoll in konnessjoni ma' dan l-incident u li kien inqasam bl-attur pero' dana semghu wara l-incident u mhux meta mar fuq il-post. Huwa ddikjara illi ghalkemm it-travetti u t-tavluni seta' kien illi kienu taghhom pero' r-responsabbilita' ta' l-armar taghhom kienet ta' l-attur u ta' siehbu.

Bhala parti mix-xhieda ddeponew diversi membri tal-Pulizija illi kienu involuti fl-istharrig li sar wara l-incident u giet esebita bhala Dokument "PP1" kopja ta' l-okkorrenza fejn gie deskritt l-incident. Dana d-dokument jintqal illi l-attur stqarr illi kien mar fejn hatnu li kien qed ikahhal is-

*shaft* tal-*lift* u f'hin minnhom aljena rasu u rifes it-tarf tat-tavlun u baqa' niezel ghal isfel. Fl-istess dokument jinghad illi Alfred Zahra kkorrobora dina l-verzjoni. Dana huwa allura kompletament l-oppost ta' dak li qeghdin ighidu issa l-istess zewg persuni billi qeghdin jinsistu illi l-kawza ta' l-incident kienet l-iskaluna difettuza tas-sellum illi nqasmet bl-attur. B'mod stramb id-diversi membri tal-Korp tal-Pulizja li xehdu ma setghux jiftakru illi kienu marru l-isptar sabiex ikellmu lill-attur u lanqas kienu jiftakru fejn kienu intervistaw lil Alfred Zahra.

L-Ispettur Magri li kien Surgent dak iz-zmien xehed illi r-ricerka ma' l-isptar kien ghamilha hu. Pero' jidher illi l-incident gara fil-hin meta kienu qed jinbidel l-ghassa u allura nbidlu l-Ufficjali tal-Pulizija li kien hemm "on duty". L-Ispettur Magri qal illi l-Ufficjali tal-Pulizija fil-hin ta' l-incident kienu l-Ispettur Hugh Camilleri li ma kienx ghadu fil-Korp tal-Pulizija u s-Surgent Joseph Ghigo. L-istess xhud qal illi lill-attur hu qatt ma kellmu u suppost illi kien ikun kellmu s-Surgent Grima almenu dana skond il-procedura. Ix-xhud qal ukoll illi kien mar fuq is-sit ta' l-incident u kien ra xi tavlun, jekk kien jiftakar sew.

F'dina s-sitwazzjoni ghalhekk hemm zewg verzjonijiet kontrastanti u cioe' l-ewwel verzjoni illi jirrizulta mill-okkorrenza Dokument "PP1" fejn l-attur ikkorroborat minn Alfred Zahra qal illi l-incident gara peress illi rifes it-tarf tat-tavlun u din ghelbet bih u t-tieni verzjoni illi qed iressaq l-istess attur, din id-darba wkoll ikkorroborata minn Alfred Zahra illi l-incident gara peress illi l-iskaluna tas-sellum inqasmet bih u baqa' niezel ghal isfel. Fl-Affidavit tieghu Alfred Zahra pero' jixhed illi l-attur sejjahlu u qallu li kien ser jitla' biex ighinu jaqla' travett u imbaghad "*ftit sekondi wara jiena dawwart wicci u nara lil Frans Mallia ma' l-art*". Huwa xehed ukoll illi ra lill-attur mixhut minn tulu fil-qiegh tas-*shaft* u hdejh kien hemm is-sellum u x-xhud qal illi seta' jara wkoll illi wahda mill-iskaluni kienet miksura. Pero' jekk l-iskaluna marret meta kien tiela' fuqha l-attur wiehed kien jistenna li jkun ghamel hoss illi kien igieghel lix-xhud idur biex jara x'gara. Biex bniedem jikser skaluna u tfaqqa' bih u imbaghad jinzel b'sellum b'kollox u jmur ghal tlett sulari ma setax ikun illi Zahra ma sema' xejn u

mbaghad hares u ra lill-attur fil-qiegh tas-*shaft*. Fil-fatt lanqas li kieku l-incident gara kif taw il-verzjoni l-attur u siehbu lill-Pulizija fis-sens illi l-attur rifes fit-tarf tat-tavlun u din ghelbet bih ghax hemm ukoll kien ikun hemm hoss u forsi anke xi ghajta ta' l-attur illi kienet iggieghlu jhares. Pero' x-xhud qal illi semplicement hares u ra lill-attur fil-qiegh tal-*lift*.

Hemm imbaghad il-punt tan-nuqqas ta' sigurta' fil-mod kif kien armat il-lant sabiex jahdmu l-attur u siehbu. Jidher car illi ma kienx hemm bizzejjed fallakki u twavel biex ighattu s-*shaft* kollu ghaliex kif qal l-attur stess kienu jiddubbaw b'dak li kien hemm. Ta' min isemmi illi l-attur u siehbu ma kienux impjegati tal-konvenut nomine izda kienu sub-appaltaturi u ghalhekk setghu jinsistu illi jigu moghtija l-ghodda u armar sufficjenti sabiex ikun hemm is-sigurta' waqt ix-xoghol. (Certament anke bhala impjegati setghu jinsistu illi jkun hemm dan, anzi huwa rakkommandabbli illi jkun hemm din l-insistenza mill-impjegati pero' sfortunatament ghadha ma dahlitx il-mentalita' illi wiehed jinsisti l-ewwel u qabel kollox illi jkun hemm sahha u sigurta' adegwati fuq il-lantijiet tax-xoghol).

Jirrizulta ghalhekk mill-provi illi hemm zewg verzjonijiet kontrastanti moghtija mill-attur u siehbu illi hadmu x-xoghol illi waqt illi t-tieni verzjoni u cioe' dik illi tifforma l-meritu tal-premessi ta' din il-kawza hija konfortata biss mix-xhieda ta' l-attur u ta' siehbu; il-verzjoni l-ohra hija kkorroborata mill-konvenut nomine, ghalkemm hija *detto del detto* pero' wkoll hemm dokument illi ttella' fil-hin ta' l-incident u li jindika illi kemm l-attur kif ukoll siehbu ammettew illi f'mument ta' aljenazzjoni l-attur rifes fuq it-tarf tat-tavlun u dina marret bih.

Mill-ezami tax-xhieda ghalhekk l-esponent jidhirlu illi l-ewwel verzjoni tidher illi hija aktar kredibbli ghaliex anke hija konfortata minn dokumentazzjoni ufficjali tal-Pulizija mehuda fl-epoka ta' l-incident stess u meta kulhadd kien car dwar dak illi attwalment kien gara. Ghandu jigi nnottat ukoll illi ma gewx riprodotti xhieda ta' impjegati ohra tas-socjeta' konvenuta illi kienu fuq il-post u li kellhom l-obbligu illi jissorveljaw ix-xoghol u jaraw li kollox miexi

tajjeb, bhal per ezempju l-Foreman li kien hemm, izda pero' l-konvenut nomine rrefera ghad-diskors illi kellu maghhom mnejn huwa sar jaf kif kien gara l-incident. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent ma jidhirlux illi jista' jaccetta l-verzjoni moghtija issa mill-attur u kwindi jidhirlu illi t-talbiet attrici fis-sens illi ghandu jigi dikjarat illi l-incident gara minhabba illi kien hemm skaluna difettuza fis-sellum illi allura jimplika illi s-socjeta' konvenuta pprovdiet armar jew attrezzaturi difettuzi ma ghandhomx jintlaqghu."

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ghamel domandi in eskussjoni lill-perit tekniku. Staqsih x'influenza kellha fuq il-konkluzjoni tieghu id-dikjarazzjoni ta' Michael Attard illi it-travetti u tavluni seta' kienu suppliti mis-socjeta' konvenuta. Il-perit tekniku wiegeb illi ma kellha l-ebda influenza fuq il-konkluzjoni tieghu, u l-attur umbaghad staqsa jekk il-perit tekniku jaqbilx illi s-socjeta' konvenuta kellha d-dmir li tassigura lill-attur ambjent ta' xoghol priv minn kull perikolu. Il-perit tekniku wiegeb fl-affermattiv. L-attur staqsa b'referenza ghall-paragrafu 9 tar-relazzjoni jekk jahsibx li n-nuqqas da parti tal-ufficjali tal-pulizija li jikkonfermaw kif waslu ghall-okkorrenza u n-nuqqas ta' konferma tal-istess okkorrenza da parti tal-pulizija ghandha tnaqqas is-sahha probatorja tal-istess okkorrenza. Il-perit tekniku wiegeb illi l-okkorrenza bhala dokument kienet ikkonfermata mill-pulizija. L-attur umbaghad staqsa b'referenza ghall-paragrafu 12 tar-relazzjoni jekk il-perit tekniku jaqbilx, apparti is-suggerimenti tieghu li l-attur seta insista biex tigi zgurata is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, huwiex obbligu ta' min ihaddem li jiggarantixxi is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol? Il-perit tekniku wiegeb illi l-attur u siehbu ma kienux impjegati tas-socjeta' konvenuta. L-attur staqsa wkoll jekk ghandux jirrifletti imqarr persentagg ta' responsabilita fuq is-socjeta' konvenuta li naqset milli taghmel dan u gie mistoqsi wkoll x'kien il-hsieb tieghu wara l-paragrafu 12 tar-relazzjoni u x'konkluzjoni wasal ghaliha, u il-perit tekniku wiegeb illi ma jaqbilx illi dan ghandu jirrifletti imqarr percentagg ta' responsabbilita fuq is-socjeta' konvenuta u dwar il-hsieb tieghu wara il-

paragrafu 12 tar-relazzjoni u x’konkluzjoni wasal ghaliha, il-perit tekniku wiegeb illi l-konkluzjonijiet tieghu jinsabu fil-paragrafi 13 u 14 tar-rapport tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara ghalhekk illi l-perit tekniku ikkonkluda b’mod definittiv u konklussiv illi l-ewwel verzjoni tal-attur hija aktar kredibbli ghaliex hija konfortata wkoll minn dokumentazzjoni ufficjali tal-pulizija mehuda fiz-zmien li gara l-incident meta kullhadd kien cert dwar dak li attwalment kien gara, u ghalhekk il-perit tekniku deherlu li ma jistax jaccetta il-verzjoni li qieghed jaghti issa l-attur u jidhirlu li t-talbiet attrici fis-sens illi ghandu jigi dikjarat illi l-incident gara peress illi kien hemm skaluna difettuza fis-sellum, illi allura jimplika illi s-socjeta’ konvenuta pprovdiet armar jew attrezzaturi difettuzi, ma ghandhomx jintlaqghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti illum trid tiddeciedi biss dwar ir-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni, b’rizerva dwar it-talbiet l-ohra tal-attur.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ nota, is-socjeta’ konvenuta irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni, cioe’ dik tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ma talabx il-hatra ta’ periti teknici addizzjonali, izda illimita ruhu billi ghamel eskussjoni tar-rapport tal-perit tekniku, liema perit tekniku baqa izomm ferm mal-konkluzjonijiet tieghu peritali, umbaghad ipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-attur kien qieghed jahdem gewwa fabbrika fit-Technopark ghas-socjeta’ konvenuta li kienet hadet l-appalt, u mal-attur kien hemm certu Alfred Zahra li kien

qieghed jahdem bi shab fuq xoghol simili bhal dan. L-attur kien qieghed jahdem xoghol bhala sub-appalt u siehbu kien qieghed jahdem ghal ditta konvenuta.

Illi l-incident gara meta l-attur u Alfred Zahra kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' kisi gewwa *shaft* fil-fabbrika fit-Technopark. Kienu qeghdin jahdmu billi juzaw travetti li jkun hemm ingastati fil-hitan u fuqhom iqieghdu l-fallakki ta' l-injam u umbaghad juzaw slielem biex jitilghu u jinzlu sabiex ikun jista isir il-kisi. L-attur xehed illi dan l-armar kollu kien qieghed jigi ipprovdut mis-socjeta' konvenuta u hu u siehbu kellhom jipprovdu pniezel u ghodda ta' l-idejn peress illi din kienet is-sengha taghhom. L-attur qal illi l-incident gara meta huwa tela' fuq sellum li kien mqieghed fuq il-fallakki li kienu jistiehu fuq it-travetti, inqasmet skaluna tas-sellum bih u baqa' niezel fil-qiegh tas-*shaft*. Huwa xehed illi kien hemm fallakki biex jiehdu s-sellum u b'kollox kien hemm xi tnejn jew tlieta, izda ma kienx hemm bizzejjed fallakki jew tavluni sabiex ikunu jistghu jahdmu l-vojt tas-*shaft* kollu. Hu kkummenta illi suppost skond is-sengha hekk kien isir, izda huma kienu jiddubbaw b'dak li kien hemm u gieli ma kienx ikun hemm fallakki bizzejjed.

Illi Alfred Zahra ikkollabora ix-xhieda tal-attur.

Illi Michael Attard, il-konvenut nomine, iddikjara illi ghalkemm it-travetti u t-tavluni setghu kienu tas-socjeta' konvenuta, ir-responsabbilita tal-armar taghhom kienet tal-attur u ta' siehbu.

Illi kif diga intqal, fl-okkorrenza tnizzel illi l-attur stqarr mal-pulizija illi kien mar fejn hatnu li kien qieghed ikahhal is-*shaft* tal-*lift*, f'hin minnhom aljena rasu, rifes it-tarf tat-tavlun u baqa' niezel ghal isfel u fl-okkorrenza jinghad illi Alfred Zahra ikkorrobora din l-verzjoni.

Illi sussegwentement l-attur ikkorroborat ukoll minn Alfred Zahra, ta verzjoni ohra fis-sens illi l-iskaluna tas-sellum inqasmet bih u baqa' niezel ghal isfel.

Illi l-Qorti taqbel mal-perit tekniku fis-sens illi l-ewwel verzjoni illi ta l-attur, ukoll ikkorroborata minn siehbu Alfred Zahra, hija ferm aktar kredibbli mit-tieni verzjoni, u dan ghar-ragunijiet kif imsemmija fir-rapport mill-perit tekniku.

Illi dwar in-nuqqas ta' sigurta fil-mod kif kien armat il-lant tax-xoghol sabiex jahdem l-attur u siehbu, irrizulta, kif qal il-perit tekniku, li ma kienx hemm bizzejjed fallakki u twavel biex is-*shaft* jinhadem kollu.

Illi pero', kif ikkonkluda wkoll il-perit tekniku, l-attur u siehbu ma kienux impjegati tas-socjeta' konvenuta, izda kienu sub-appaltaturi u kellhom kull dritt illi jinsistu li jinghataw l-ghodda u jaraw li hemm armar sufficjenti sabiex ikun hemm is-sigurta' waqt ix-xoghol, izda l-attur u siehbu dan ma ghamluhx. Huma ma kienux impjegati tas-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti qeghda taqbel mal-konkluzjonijiet kollha li wasal ghalihom il-perit tekniku fir-rapport tieghu, qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni u taghmilha bhala taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi rat illi s-socjeta' konvenuta irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni taghha, qeghda taqta` u tiddeciedi billi, filwaqt illi tilqa` it-tieni u it-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet attrici; Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------